MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 44/2003/1

**Captain Charles Kerr, Joseph Kerr, Victor Keerr, lkoll ahwa Kerr, wlied il-mejjet Joseph u Maria *nee'* Bonello, il-Perit Joseph Mercieca kif ukoll Catherine mart Raphael Bonello, Anthony Mercieca u Marita mart Sergio Rubei, lkoll ahwa wlied l-istess Joseph Mercieca u l-mejta Catherine *nee'* Bonello; Emanuel Bonello, Raphael Bonello, Alfred Bonello u Margaret armla minn Nolan Sargent, lkoll ahwa wlied il-mejtin Carmelo Bonello u Josephine n*ee'* Azzopardi, Catherine mart Russell Wright, Charles Bonello u Adrian Bonello lkoll ahwa wlied il-mejtin Raphael Bonello u Veronica *nee'* Costello; Imelda armla minn Paul Galea, mwielda Bonello, kif ukoll Catherine mart John Haddaw, Joseph Galea, Marthese mart Sergio Attard u Mark Galea lkoll ahwa wlied l-istess Imelda *nee'* Bonello u l-mejjet Paul Galea, Louis Bonello kif ukoll Kathleen mart l-Avukat Alex Borg Olivier, Karl Bonello u Paula mart Julian Monpalao Depiro lkoll ahwa wlied l-istess Louis Bonello u l-mejta Josephine *nee'* Galea; Amalia armla minn Anthony Camenzuli *nee'* Bonello, kif ukoll Carmel Camenzuli, Antoine**

**Camenzuli, Alfred Camenzuli, lkoll ahwa wlied Imelda *nee'* Bonello u l-mejjet Anthony Camenzuli; Francis armla minn Walter Gascoyne, Carmelo Zammit u Kathleen mart George Grech lkoll ahwa wlied il-mejtin George Zammit u Imperia *nee'* Bonello; Charles Bonello, Catherine sive Kay mart Cecil Fiorini u Maria mart John Bisazza lkoll ahwa wlied il-mejjet Spiridione Bonello u Mary *nee'* Cutajar; Joseph Bonello iben il-mejjet Carmelino Bonello u Victoria *nee'* Attard**

**vs**

**Rita Magro**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors promutur fejn ir-rikorrenti iddikjaraw is-segwenti:

"Illi l-esponenti jikru lill-intimata l-fond 44, Battery Street, Valletta bil-kera ta' [Lm20] ghoxrin lira fis-sena pagabbli kull sitt xhur, liema kera tithallas bil-quddiem

Illi l-intimata Rita Magro tinsab moruza fil-hlas u numru ta' skadenzi tul numru ta' snin b'dan illi hemm lok li tigi zgumbrata mill-fond *de quo* ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi minkejja li l-intimata giet interpellata thallas u dan kemm verbalment kif ukoll permezz ta' zewg ittri datati 8 ta' Marzu, 1999 u tal-11 ta' Marzu, 2001 (hawn annessi Dok A u B), l-istess intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet msemmija l-esponenti umilment jitolbu illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu pussess tal-fond fuq imsemmi u li jipprefiggi terminu entro liema l-intimata ghandha tizgombra mill-imsemmi fond."

Ra ir-risposta tal-intimata fejn esponiet:

"Illi t-talbiet tar-rikorrenti et huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors stante li mhux minnu li ma sarx il-hlas tal-kera kif allegat mir-rikorrenti et;  salv eccezzjonijiet ohra inkluz dwar it-titolu tar-rikorrenti jekk ikun il-kaz;"

Semgha il-provi u ra l-atti kollha tar-Rikors:

Ikkunsidra:

Illi  r-rikorrenti ressqu prova tat-titolu taghhom Dok CB3, att pubbliku li permezz tieghu l- Perit Joseph Mercieca, ezekutur testamentari tal-armla Caterina Bonello, inghata l-enfitewsi perpetwu tal-fond mertu tar-rikors.  Inoltre, wiehed mir-rikorrenti, l-Kaptan Charles Kerr xehed illi meta ha f'idejh l-amministrazzjoni tal-beni, l-amministratur precedenti infurmah illi l-intimata kienet moruza fil-hlas tal-kera tal-fond ghal zmien twil u ghalhekk kiteb ittra indirizzata lill-eredi ta' Rita Magro fit-2 ta' Marzu 1999 biex dawn ihallsu l-erba snin u nofs arretrati u cioe mill-1994 sal-1999.  Fil-11 ta' Marzu 2001 l-eredi kienu  interpellati mill-gdid biex ihallsu stante li baqghu moruzi anke wara l-ewwel ittra u minkejja kuntatt bejn iben l-intimata u x-xhud.  F' Jannar 2002 iben l-intimata baghat cheque lix-xhud fl-ammont ta' Lm170 rapprezentati l-ammont mitlub fl-ittra izda dan ma accettahx u baghtu lura.

Illi il-kwistjoni bejn il-partijiet hija regolata bid-dispost tal-artikolu 9(a)(1) tal-Kap 69.  Fis-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Superjuri) tad-9 ta' Marzu, 1994 fl-ismijiet Mary Borg et vs John Muscat**, l-istess Qorti irriteniet illi l-kerrej jitqies li jkun naqas milli jkun puntwali fil-hlas tal-kera jekk dwar kull wahda minn zewg skandenzi jew izjed ma jkunx hallas il-kera fi zmien hmistax-il jum minn dakinhar illi sid il-kera jitolbu l-hlas;  izda interpellanza skritta, kif jidher car mill-ligi, mhix mehtiega.  Fil-kaz in dizamina, l-intimata tghid, fin-nota risponsiva tahgha, illi "kif jista' jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors... mhux minnu li ma sarx il-hlas tal-kera" (ara risposta a fol.8).  L-intimata izda ma ressqet ebda prova li kien sar il-hlas hlief ghal cheque mahrug minn binha fl-24 ta' Jannar 2002 f'isem il-Capt. C.

Kerr, liema cheque kien intbaghat lura. (ara Dok K minkejja li dan id-dokument ma kienx ipprezentat bil-procedura stablita). L-intimata kienet interpellata sabiex thallas l-arretrati fit-8 ta’ Marzu 1999 u fil-11 ta’ Marzu 2001 u ghalhekk dan ic-cheque inhareg hafna wara l-15-il jum mid-data tat-talba.

Illi r-rikorrenti indirizzaw it-talbiet taghhom lill-eredi ta’ Rita Magro ghaliex ma kienux certi jekk l-intimata kienitx ghada hajja jew le. Il-fatt illi bin l-intimata irrisponda ghal din it-talba billi hareg cheque ghall-arretrati huwa meqjus bhala prova sufficjenti li l-intimata irceviet dawn l-interpelanzi. Jibqa’ l-fatt illi l-intimata ma ressqet l-ebda prova li l-ammont dovut kien debitament mhallas kif minnha allegat fin-nota risponsiva ghar-rikors promutur. Dan il-Bord jista’ biss jassumi illi l-kwistjoni tac-cheque rifjutat mir-rikorrenti huwa l-prova tal-intimata illi hallset il-kera dovuta. Izda irid jinghad illi dan ic-cheque juri illi sar diversi xhur wara t-talbiet ghall-hlas u inoltre ma ngiebet ebda prova li l-ammont dovut kien depozitat taht il-kustodja tal-Qorti biex ma tippregudikax il-posizzjoni taghha. Fil-kontro-ezami tax-xhud Capt. Charles Kerr, dan ix-xhud kien mistoqsi ghaliex kien talab awment fil-kera, izda hawn ukoll irid jinghad illi jekk dik kienet ir-raguni ghaliex l-intimata ma hallsitx il-kera, din kellha rimedju billi tiddepozita l-istess fil-kustodja tal-Qorti, haga li ma ghamiltx.

Ghal dawn il-mottivi il-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzhom jirriprendu pussess tal-fond 44, Battery Street, Valletta, mil-15 ta’ Jannar 2008 bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------